# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 497**

**It-Tnejn 23 ta' Lulju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 497.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

497.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

497.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

497.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

## 497.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

497.2.1 Il-minuti tal-496 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna.

## 497.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

497.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-kampanja *'Pink October 2018,'* intiża biex tqajjem għarfien aħjar dwar il-marda tal-kanċer billi tinxtegħel il-Mina ta' Hompesch u l-bini tal-Kunsill b'lewn roża matul ix-xahar t'Ottubru.

497.3.2 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari numru SPI 9/2018 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna finanzjarja għall-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' librerija lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' flus (€600) taħt din l-iskema.

497.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand sid ta' ħanut li kien issottometta applikazzjoni mal-*Planning Authority* sabiex jiftaħ ħanut tal-*kebabs* fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq San Duminku. Is-Sindku żied jgħid illi s-sid talab lill-Kunsill sabiex tiġi estiża l-bankina ta' quddiem il-ħanut tiegħu biex ikun jista' jpoġġi l-imwejjed u siġġijiet. Il-Viċi-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jilqa' it-talba sabiex tiġi estiża l-bankina, kien ser jinħoloq periklu għas-sewwieqa u kien ser jinħoloq preċedent. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax it-talba tas-sid sabiex tiġi estiża l-bankina fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq San Duminku.

497.3.4 Is-Sindku ddiskuta dwar is-sistema ta' *traffic management* u ressaq *site plan* ta' Triq Tumas Dingli, Triq Santa Tereża u l-madwar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Transport Malta sabiex Triq Tumas Dingli issir *one way* minn Triq il-Kunvent direzzjoni lejn Triq l-Iskola, u Triq Santa Tereża ssir *one way* minn Triq l-Iskola direzzjoni lejn Triq il-Kunvent.

497.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għall-proġett propost sabiex jinbena l-istabbiliment tal-ikel *Mc Donald's* b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza fi Triq tal-Labour, ġiet irtirata mis-sidien stess.

497.3.6 Is-Sindku rrefera għar-rapport mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-effett negattiv tal-bżieżaq u qal illi l-Assoċjazzjoni talbet biex il-Kunsill jingħaqad fi ftehim mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Sostenibbli u tibdil fil-Klima biex ma jinħarġux permessi għall-attivitajiet li jkunu ser jagħmlu użu minn rilaxx ta' bżieżaq. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ma jingħaqadx f'dan il-ftehim.

497.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fl-attività ta' tindif nazzjonali bl-isem *Let's Do It Malta* li ser issir fil-15 ta' Settembru, 2018.

497.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-deċiżjoni mill-*Planning Authority* dwar il-proġett ta' tisbiħ fi Pjazza San Nikola kienet ser tittieħed fil-5 ta' Settembru.

497.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-PARKS ġie nfurmat illi l-Gvern Ċentrali kien ħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinbeda l-proġett ta' tisbiħ fil-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħlijiet kienu jinkludu, fost affarijiet oħra, bini ta' teatru grieg, latrina pubblika, ħitan u cafeteria, xogħlijiet fuq passaġġi tal-konkrit u twaħħil ta' bankijiet għal *picnic areas*.

497.3.10 Is-Sindku tkellem dwar ilmenti li kien irċieva mir-residenti dwar is-Sur David Grech, il-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt għall-ġbir tal-iskart (ZLC 5/2014). Is-Sindku qal illi s-Sur David Grech kien qed iħalli munzelli tal-iskart quddiem ir-residenzi għal tul ta' ħin twil minkejja li kien avżat verbalment mill-Kunsill sabiex dan ma jibqax iseħħ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *default notice* lis-Sur David Grech fuq bażi ta' dan in-nuqqas.

497.3.11 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li rċieva mir-residenti li joqgħodu fi Triq is-Santwarju u li kienu qed jallegaw li ħanut partikolari kien qed joħroġ munzelli ta' kaxxi tal-kartun fil-kantuniera minn ġurnata qabel.

**497.4 Aġġudikazzjoni ta' kuntratti**

- **Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018)**

497.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambejnt (ZLC 1/2018) jiġu aġġudikati fil-laqgħa li jmiss.

**497.5 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti;**

- **Kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015)**

497.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt li l-Kunsill għandu għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi ( ZBR 8/2015) kien ser jagħlaq fit-18 t' Ottubru, 2018. Dan il-kuntratt ma jistax jerġa' jiġi mġedded u trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

**497.6 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji**

497.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2018. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**497.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

497.7.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu mill-20 ta' Ġunju, 2018 sat-23 ta' Lulju, 2018 li kienet tammonta għal €163,934.17.

497.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2018 li kien jammonta għal €68.25.

**497.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

497.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani matul il-festa ta' Ħaż-Żabbar kienu ser jiġu milqugħa mis-16 sal-24 t'Awwissu, 2018. Is-Sindku żied jgħid li ma kien ser jinbidel xejn mis-sena preċedenti u l-gabbani ta' l-ikel kienu ser jibqgħu fi Triq tal-Labour filwaqt li l-gabbani tat-*toys* kienu ser jarmaw f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

497.8.2 Is-Sur Joseph Vella talab li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq Bormla biswit il-*ground* tas-*St Patrick's.*

497.8.3 Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li ssir kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq Santa Duminka faċċata tal-ground tas-*St Patrick's*. Is-Sindku qal illi kienet ser tinġieb stima sabiex isir dan ix-xogħol.

497.8.4 Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li titnaddaf *soft area* li hemm fil-viċinanzi tal-ground tas-*St Patrick's.*

497.8.5 Is-Sur Roderick Vella talab sabiex tiġi mdawwla l-parti ta' fuq tal-Mina ta' Hompesch.

497.8.6 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex isiru *bollards* fi Triq Alessio Erardi peress illi kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ. Is-Sindku qal illi minflok *bollards* kienu ser isiru l-marki tal-karreġġjati peress illi l-ispiża sabiex jitwaħħlu l-*bollards* kienet għolja. Is-Sindku żied jgħid illi kien ser jitlob lill-kumpanija Lesa sabiex isir aktar infurzar lokali f'din it-triq.

497.8.7 Is-Sur Roderick Vella semma l-ħtieġa li jinżabru s-siġar fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

497.8.8 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jorganizza l-festin tal-festa ta' din is-sena fil-31 t'Awwissu, 2018.

497.8.9 Is-Sur Brian Spiteri qal illi fi Triq il-Kbira kien hemm il-*wires* tad-dawl mikxufin u qal illi kienu ta' periklu. Is-Sur Spiteri talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jinbidlu dawn il-*wires* perikolużi mill-aktar fis possibli peress illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jibda t-tiżjin u l-armar tal-festa.

497.8.10 Is-Sur Julian Paul Scicluna talab sabiex titnaddaf parti minn Triq Villabate fil-viċinanzi ta' *Top Choice*.

## 497.9 Mozzjonijiet

497.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 497.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

497.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.05 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-498 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 20 t'Awwisu, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku